# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 139/2020/1 TA**

**Mary Borg, Carmen Camilleri, Ivan Sammut, Joseph Sammut, Rudi Grech, Jessica Murillo**

**v.**

**Avukat tal-Istat**
**Mary Rose Grech Farrugia, u żewġha Godfrey Farrugia**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2022, li sabet ksur tad-dritt fundamentali tal-atturi mħares bl-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallashom kumpens ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *"Din il-kawża tirrigwarda l-fond numru 107, Rozi, Triq l-Isperanza, Mosta.*
>
> *Ċerti Epifanio u Grazia konjuġi Dimech kienu għaddew dan il-fond lil missier l-intimata Mary Rose Grech, bl-isem ta' Gian Nikol Grech, taħt titolu ta' lokazzjoni (ara premessa numru 5 a' fol 2, 8 para 6 et seq u affidavit tal-intimata Mary Rose Grech a' fol 48). Billi ma ġiex preżentat ftehim ta' lokazzjoni, l-Qorti qed tifhem li dan kien sar b'mod verbali. Jidher mill-premessa numru 5 li dan il-ftehim sar fis-sena 1951.*
>
> *Skont kif dikjarat fl-affidavits rispettivi tal-partijiet u anke fil-premessa 5 tar-rikors promotur, il-kera kienet ta' LM24 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem kull l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Lulju ta' kull sena. Bl-Att X tal-2009 dan l-ammont żdied għal €185 fis-sena mill-1 ta' Jannar 2010 u llum għandu kera ta' €209.40c fis-sena ai termini tal-Att x tal-2009 liema ammont kellu jerġa jogħla fl-1 ta' Jannar 2022.*
>
> *Bint l-imsemmi Gian Nikol Grech, jiġifieri l-intimata Mary Rose Grech, baqgħet flimkien ma żewġha tokkupa l-fond ope legis bl-istess titolu ta' kera. Dan bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 69 li kien ġia in vigore fl-1951 jiġifieri fis-sena li jidher sar il-ftehim ta' lokazzjoni. Permezz tal-emendi li ddaħħlu fis-seħħ fil-Kodiċi Ċivili bl-artikolu 7 tal-Att X tal-2009, l-ammont ta' kera ġie regolat skont l-artikolu 1531 D tal-Kodiċi Ċivili. Skont l-inkwilini intimati, l-kera dejjem ġiet aċċettata kemm minn Epifanio u Grazia konuġi Dimech kif ukoll mir-rikorrenti qua l-aventi kawża tagħhom (ara affidavit Mary Rose Grech a' fol 48 para 3).*
>
> *Jirriżulta li dan il-fond ma huwiex fond dekontrollat (ara dok F a' fol 26)."*

3. Ir-rikorrenti jgħidu li l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kien meta ppreżentaw il-kawża, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-fond numru 107, Rozi, Triq l-Isperanza, Mosta kif protetti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, peress li b'dawk il-liġijiet

ma jistgħux jirrifjutaw li jġeddu, jgħollu jew ivarjaw il-kondizzjonijiet tal-kera. Jilmentaw li b'dan il-mod huma qed iġorru piż sproporzjonat u nġust meta mqabbel ma' dak li jistħoqqilhom.

4. Talbu għalhekk lill-Qorti:

> *"Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet vigenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Mary Rose Grech Farruġia (K.I. 370760 M) u Godfrey Farruġia (K.I.482165)għall-fond 107, Rożi, Triq l-Isperanza, Mosta, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandu jingħata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni.*
>
> *Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi.*
>
> *Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Liġi.*
>
> *Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni."*

5. L-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> ***"Tilqa' l-ewwel talba tar-Rikorrenti*** *u tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Orinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif kien viġenti fiż-żmien rilevanti (jiġifieri meta ġiet istitwita din l-azzjoni) u l-operazzjonijiet viġenti tal-Att X tal-2009 taw dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Mary Rose Grech Farruġia (.I. 370760M) u*

*Godfrey Farruġia (K.I. 482165M) għall-fond 107, Rożi, Triq l-Isperanza, Mosta, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mill-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*

***Tilqa' t-tieni talba tar-Rikorrenti** u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 kif kien viġenti fiż-żmien rilevanti u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta;*

***Tilqa' t-tielet talba tar-Rikorrenti** u tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta'€35,000;*

***Tilqa' r-raba talba** u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.*

***Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-Intimat Avukat tal-Istat.*

***Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-Intimati konjuġi Grech.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-Intimati konjuġi Grech, jitħallsu mill-Intimat Avukat tal-Istat ħlief għal dak tal-perit li lis-spejjes tiegħu għandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-Avukat tal-Istat u r-rikorrenti.*

*Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat."*

6. Safejn rilevanti għal dan l-appell, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

*"Safejn l-azzjoni hija mibnija fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni, il-fatti tal-każ in diżamina huma identiċi għal dawk ravviżati fid-diverżi sentenzi tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati tagħna ċitati fis-sentenza su riferuta. Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti. Isegwi li fil-każ tal-lum din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha Qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili, u ċioe li l-artikoli msemmija tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kienu viġenti fiż-żmien li ġiet intavolata din l-azzjoni, huma leżivi tad-drittijiet fondamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.*

*Din il-Qorti għalhekk ser tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-Rikorrenti u tiddikjara illi, fil-konfront tar-rikorrenti, l-operazzjonijiet tal- tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif kienu viġenti fiż-żmien relattiv, u l-operazzjonijiet tal-Att X tal-2009, qiegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni għall-fond numru 139, Rożi, Triq l-Isperanza, Mosta lill-intimati Mary Rose u Godfrey konjuġi Farrugia bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*...*

*Il-Qorti tqis li għandha tipprovdi rimedju għall-effetti tal-ksur tad-drittijiet fundamentali permezz ta' kumpens sal-1 ta' Ġunju 2021. Dan peress li, wara dik id-data, r-rimedju fir-rigward ta' persuna li tkun qed tokkupa dar ta' abitazzjoni abbażi ta' kirja li tkun bdiet qabel l-1 ta' Ġunju 1995 b'applikazzjoni tal-Kap. 69 huwa dak disponibbli fl-artikolu 4 A tal-istess Kap. 69. Dan l-artikolu ġie introdott bl-Att XXIV tas-sena 2021.*

*...*

*Għal likwidazzjoni ta' kumpens xieraq fid-dawl tal-fatturi suesposti, l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni is-segwenti fatti in eżami:*

*1. Il-perjodu li r-rikorrenti damu imċaħħda mill-pussess tal-fond in kwistjoni, preċiżament min meta ippervjena għandhom bil-mewt ta' Stella Sammut fid-9 ta' Marzu 2014;*

*2. Il-valur lokatizzju skont is-suq kif indikat mill-espert maħtura mill-Qorti, l-Perit Marie Louise Caruana Galea, għas-sena 2014 (bejn €9,078 u €9,820), li hu deċiżament ferm ogħla mill-kera li kellhom jipperċepixxu r-Rikorrenti skont l-artikolu 1531D kif miżjud bl-Att X tal-2009 (ara rapport a' fol 59). Bil-liġi kif kienet qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2021, ma kien hemm l-ebda mod li l-kera tiżdied għajr għall-emendi li ġew hekk fis-seħħ permezz tal-Att X tal-2009. Isegwi li bl-ebda mod ma jista' jitqies li dik il-kera kienet kumpens xieraq għar-Rikorrenti għaċ-ċaħda tat-tgawdija tal-proprjeta` tagħha.*

*3. Il-fatt ta' jekk ir-Rikorrenti kienux neċessarjament ser isibu lil min jikru l-fond mingħajr waqfien b'dik il-kera u bl-istess kondizzjonijiet.*

*4. Il-fatt li r-Rikorrenti ma kellhom l-ebda għażla, ukoll minħabba li l-ebda rimedju ma setgħa jingħata mil-Bord tal-kera skont il-ligi qabel l-Att XXIV tal-2021, għajr li tistitwixxi l-proċeduri odjerni biex tieħu kumpens xieraq.*

*Għal dak li jirrigwarda l-kalkolu tat-telf monitarju tal-awturi tar-rikorrenti, il-Qorti tqis utli li jiġi eżaminat il-komportament tal-istess awturi. Altru li l-awtur ta' dak li jkun sa mill-bidu tal-iskadenza tal-kirja,*

*jkun għamel dak kollu possibbli biex skont il-liġi jirrevendika d-drittijiet proprjetarji tiegħu però dejjem sab l-ostaklu fil-liġi, u altru awturi, li minkejja dak li tgħid il-liġi, baqgħu qatt ma għamlu xejn. Jista' jkun minħabba letarġija jew għax addirittura kienu kuntenti bil-presenza tal-okkupant fil-proprjetá tagħhom. Ai fini ta' kumpens biss, is-suċċessuri tal-awturi f'kawżi ta' din ix-xorta, ma jistgħux jikkapitalizzaw mill-passivitá tal-awturi tagħhom.*

*Fis-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod jindika li l-awturi tar-rikorrenti għamlu xi tentattiv biex jipprovaw jimmittigaw l-effetti tal-Kap. 69. Jidher għalhekk, kif anke ddikjarat l-inkwilina intimata, li huma dejjem aċċettaw il-kera bla oġġezzjoni jew riżerva (ara affidavit a' fol 48 para 3).*

*Flimkien ma' dawn iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti skont ir-regoli li l-Qrati tagħna minn żmien għal żmien inqdew bihom f'każijiet li jixxibħu, il-Qorti sejra wkoll iżżomm bħala gwida għall-fini ta' quantum id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali indikati fl-aħħar sentenza ċitata. Din il-Qorti għaldaqstant issib xieraq li jitħallas kumpens lir-Rikorrenti fis-somma ta'€35,000. Din is-somma ma hiex tqis ukoll iż-żmien li r-Rikorrenti ħadu biex iressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti. Dan għal raġunijiet indikati mill-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet* ***Apap Bologna vs Malta****, 30 ta' Novembru 2016 para 46.*

*Dan l-ammont għandu sentendi jitħallas mill-Avukat tal-Istat ..."*

7. Ir-rikorrenti appellaw b'rikors tat-3 ta' Marzu 2022 fejn talbu lil din il-Qorti:

*"sabiex tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-1 ta' Marzu 2022 in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat u tal-intimati Grech, kif ukoll in kwantu laqgħat it-talbiet attriċi, b'dan illi għandha tirriformaha billi għandu jiġi dikjarat u deċiż illi l-leżjoni li sofrew r-rikorrenti kienet għall-perjodu kollu kif mitlub fir-rikors kostituzzjonali tagħhom, ossija mill-1987 sa llum, biex b' hekk id-danni pekunarji għandhom jiġu likwidati fl-ammont ta' mhux inqas minn €70,686.98c, jew somma oħra verjuri, oltre dannu non-pekunarju ammontanti għal mill-anqas €15,000."*

8. L-Avukat tal-Istat ma weġibx.

9. Fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2022 ir-rikorrenti ddikjaraw illi l-inkwilini ntimati rritornawlhom iċ-ċwievet tal-fond u b’hekk huma ċedew il-kawża fil-konfront tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet**

10. Ir-rikorrenti jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti:

> *“sabet illi “Il-perjodu li r-rikorrenti damu imċaħħda mill-pussess tal-fond in kwistjoni, [kien] preċiżament minn meta ipprevjena għandhom bil-mewt ta’ Stella Sammut fid-9 ta’ Marzu 2014” u illi b’ hekk il-kumpens mogħti jista’ jiġi kkalkolat biss minn dakinhar.’*

11. Isostnu illi meta wirtu lil Maria Stella Sammut, li mietet fid-9 ta’ Marzu 2014, huma daħlu fiż-żarbun tagħha. B’hekk, wirtu wkoll id-dritt li jiġu kkumpensati għad-danni li sofriet matul ħajjitha. Isostnu għalhekk li l-kumpens dovut lilhom irid jinħadem mill-1987, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

12. Ir-rikorrenti għandhom raġun jargumentaw illi għall-għanijiet tal-kalkolu tal-kumpens pekunjarju, jekk il-ksur beda jseħħ meta l-fond kien għadu f’idejn l-awtriċi tagħhom, id-*dies a quo* għandu jkun minn dakinhar. Dan għaliex bħala suċċessuri universali, il-werrieta jġarrbu d-danni direttament meta l-patrimonju li jirtu jkun anqas milli kien ikun li kieku dak il-patrimonju ma ġarrabx dak it-telf.

13. F'dan il-każ, mhux kontestat li l-intimati u l-awturi tagħhom ilhom igawdu l-protezzjoni tal-Kap. 69 ferm qabel ma daħal fis-seħħ il-Kap. 319 fit-30 ta' April 1987. Dan a skapitu tar-rikorrenti u l-awtriċi tagħhom li kienu qegħdin jirċievu kera baxxa ħafna.

14. Billi għalhekk il-patrimonju li wirtu mingħand Maria Stella Sammut kien inqas milli kien ikun li kieku f'dak il-patrimonju daħlet kera xierqa, il-kumpens kellu jiġi kalkolat mit-30 ta' April 1987.

15. Ir-rikorrenti talbu kumpens pekunjarju fis-somma ta' <u>€70,686.98</u>. Din il-figura hija bbażata fuq stima ta' perit tekniku tal-kera tal-fond in kwistjoni fis-suq liberu mis-sena 1987 sas-sena 2020 (€138,080) li minnhom naqqsu l-kirjiet effettivament imħallsa (€4,000) u 30% u 20% ulterjuri skont il-ġurisprudenza in materja.

16. Ir-rikorrenti ppreżentaw il-kawża fit-22 ta' Lulju 2020. Skont l-istima tal-perit tekniku[1], il-kera li kienu jdaħħlu sidien il-kera jew l-awturi tagħhom kieku l-fond *de quo* inkera fis-suq ħieles mit-30 ta' April 1987 sal-preżentata ta' din il-kawża, kien madwar mija u tnejn u tletin elf u mitejn ewro (€132,200).

[1] Fol. 73

17. Il-kriterji ta' Cauchi[2] jippermettu tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) minħabba fil-għan soċjali tal-liġi. Dan iħalli bilanċ ta' tnejn u disgħin elf, ħames mija u erbgħin ewro (€92,540). Tnaqqis ieħor ta' għoxrin fil-mija (20%) bil-kriterju ta' Cauchi[3] jħalli bilanċ ta' erbgħa u sebgħin elf u tnejn u tletin ewro (€74,032).

18. Ir-rikorrenti ddikjaraw li fl-1951 il-kera li kien jirċievi nannuhom Epifanio Dimech kienet ta' Lm24 fis-sena. Fis-sittinijiet għoliet għal Lm27.50 fis-sena u baqgħet l-istess sal-1 ta' Jannar 2010 meta għoliet għal €185 fis-sena. Meta ġiet ippreżentata l-kawża odjerna l-kera skont il-liġi kienet €209 fis-sena.

19. Għalhekk, fuq perjodu kkalkolat mit-30 ta' April 1987 sal-preżentata ta' din il-kawża r-rikorrenti/l-predeċessuri fit-titolu tagħhom ipperċepew kera ta' madwar tlitt elef, ħames mija u ħamsin ewro (€3,550). Imnaqqas dan l-ammont mill-bilanċ fuq imsemmi, jagħti total ta' sebgħin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro (€70,482). Għalhekk iktar mid-doppju tal-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti.

---

2 Cauchi *v.* Malta (rik. 14013/19), Q.E.D.B. 25 ta' Marzu 2021

3 *'104. Furthermore, the Court is ready to accept, particularly in view of the recent boom in property prices, that if the property had not been subject to the impugned regime it would not necessarily have been rented out throughout the entire period. Therefore, it is acceptable to consider that the actual losses were less than those claimed, by at least 20%'.*

20. Għal dak li jirrigwarda l-kumpens non-pekunjarju, ir-rikorrenti jippretendu somma ta' €500 għal kull sena. Il-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Għalhekk ir-rikorrenti għandhom jedd għall-kumpens non-pekunjarju mid-9 ta' Marzu 2014, ċioè meta wirtu lil Maria Stella Sammut. Minn dakinhar għaddew sitt snin. Il-Qorti hi tal-fehma li somma ta' €2,000 bħala kumpens non-pekunjarju hi suffiċjenti meta tikkunsidra wkoll li ma kien hemm xejn x'iżomm lir-rikorrenti milli jippreżentaw il-kawża qabel.

21. Għaldaqstant it-total ta' kumpens dovut lir-rikorrenti hu tnejn u sebgħin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro (€72,482).

22. Ir-rikorrenti lmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti kkundannathom iħallsu nofs l-ispejjeż tad-dritt tal-perit tekniku peress li rraġunat li l-perjodu rilevanti kien mis-sena 2014 'il quddiem.

23. Peress li hu minnu li l-kumpens pekunjarju dovut lir-rikorrenti appellanti jkopri l-perjodu li għalih saret l-istima mill-perit tekniku, ċioè mis-sena 1987 sas-sena 2020, l-ispejjeż tal-perizja għandhom ikunu kollha a karigu tal-Avukat tal-Istat.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' l-appell tar-rikorrrenti u tvarja s-sentenza appellata billi:

i. Tħassar dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti llikwidat kumpens fis-somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) u minflok tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' tnejn u sebgħin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro (€72,482) kif spjegat hawn fuq. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas dik is-somma lir-rikorrenti.

ii. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizja.

Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-appell a karigu tal-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr